MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Numru. 993/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Louise Calleja)**

**Vs**

**Aldo Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Aldo Muscat ta’ wiehed u erbghin (41) sena, bin Albert u Carmelina neè Borg, imwieled Attard fl-14 ta’ Gunju 1972 u residenti 10, Triq Santa Marija, Mellieha, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 255872(M), talli fis-7 ta’ Ottubru 2013 f’xi hin bejn il-hamsa u s-sitta ta’ filghodu (5:00a.m. – 6:00a.m.), gewwa San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. Bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Michelle Elsie Johnson;
2. Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Michelle Elsie Johnson kontra l-volontà taghha u dana bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u talli
3. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà ta' Michelle Elsie Johnson u minn issa tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li jidhrilha li huma xierqa;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament estratt mic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat Dok. "JB1", il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "JM2" u stqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-8 ta' Ottubru 2013 Dok. "JB3";

Rat li waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013 il-Prosekuzzjoni ritirat it-tieni akkuza fil-konfront ta' l-imputat izda zammet fermi fil-konfront tieghu l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif issa dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat li b'Digriet moghti fit-8 ta' Ottubru 2013 inhareg Ordni ta' Protezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-imputat a favur ta' Michelle Elsie Johnson, liema Ordni ghandha tibqa' fis-sehh sas-

sentenza finali u saret taht il-kondizzjonijiet imposti fl-istess Digriet;

Rat li b'Digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 2013 l-imputat tqieghed taht Ordni ta' Trattament tul il-perijodu tal-pendenza ta' dawn il-proceduri taht diversi kondizzjonijiet imposti fl-istess Digriet;

Rat li b'Digriet moghti fl-10 ta' Ottubru 2013 il-Qorti, fuq talba tad-Difiza, ordnat li jigi mhejji *pre-sentencing report* relattiv ghall-imputat;

Rat il-*pre-sentencing report* imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Odelsie Bayliss u debitament ipprezentat fit-18 ta' Novembru 2013, u semghet ix-xhieda moghtija mill-istess Ufficjal tal-Probation waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2013;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat talli fis-7 ta' Ottubru 2013 f'xi hin bejn il-hamsa u s-sitta ta' filghodu (5:00a.m. – 6:00a.m.), gewwa San Pawl il-Bahar u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer: (i) bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq Michelle Elsie Johnson; (ii) bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Michelle Elsie Johnson kontra l-volontà taghha u dana bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u talli (iii) irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigu mibdula. Waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013 però il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat – u ghalhekk il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu

konjizzjoni taghha – izda zammet fermi fil-konfront tieghu l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kif issa dedotti fil-konfront tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta gie avzat bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w inghata zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru 2013 id-Difiza talbet li jigi mhejji *pre-sentencing report* fir-rigward ta’ l-imputat ghall-fini li tigi stabbilita l-piena idoenja li ghandha tigi imposta fuqu fid-dawl tar-reati addebitati lilu w ammessi minnu. Din it-talba giet milqugha u fit-18 ta’ Novembru 2013 Odelsie Bayliss, Ufficjal tal-Probation, ipprezentat il-*pre-sentencing report* taghha li gie mhejji wara li hija fost affarijiet ohra tkellmet ma’ l-imputat u mal-mara tieghu u anke zarithom fid-dar residenzjali taghhom.

Minn dan il-*pre-sentencing report* jirrizulta li l-imputat jikkontendi li huwa in verità ma ghandu x’jaqsam xejn mar-reati addebitati lilu u li huwa ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu ghaliex gie gwidat mill-Pulizija biex jammetti sabiex jfittex jinqata’ l-kaz. Il-Qorti però ma hijiex affattu propensa li temmen dak affermat mill-imputat fir-rigward tar-raguni ghalfejn ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u b’hekk tpoggi fid-dubju l-ammissjoni tieghu. Il-Qorti ssibha ferm difficili temmen li persuna li tikkontendi li ma wettqet ebda reat, tammetti ghal reati piuttost serji bhalma huma dawk ta’ attentat vjolenti ghall-pudur u r-recidiva semplicement sabiex ifittex jinqata’ l-kaz. Fil-fehma tal-Qorti l-ammissjoni ta’ l-imputat ma ghandha tigi kkunsidrata bl-ebda mod iehor hlief li huwa verament qed jammetti ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, ossia l-ewwel u t-tielet akkuzi, ghaliex wettaq dawk ir-reati, konvinzjoni din li hija msahha anke mill-atteggjament ta’ l-imputat quddiem il-Qorti waqt is-seduti li nzammu fit-8 ta’ Ottubru 2013, fl-10 ta’ Ottubru 2013 u fit-18 ta’ Novembru 2013.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk u fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta' l-ewwel u tat-tielet akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-*pre-sentencing report* imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Odelsie Bayliss kif ukoll is-sottomissjonijiet avvanzati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena.

Fil-*pre-sentencing report* taghha l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet illi *fid-dawl ta' l-informazzjoni migbura qed jigi rrakomandat lil din l-Onorabbli Qorti li fir-rigward ta' Aldo Muscat jigu esplorati sanzjonijiet fil-komunità li jservu bhala alternattiva ghall-piena karcerarja*. Meta xehdet quddiem il-Qorti l-Ufficjal tal-Probation elaborat ulterjorment fuq il-konkluzjoni taghha fis-sens illi irrakomandat li fil-kaz ta' l-imputat – li huwa persuna li jmexxi zewg tipi ta' negozji kummercjali – ma jigix applikat Ordni ta' Servizz fil-Komunità stante li l-hin li jkollu disponibbli ghal tali tip ta' xoghol jaf ikun limitat u b'hekk jitpogga f'diffikultà li josserva tali ordni.

Il-Qorti qrat bir-reqqa l-*pre-sentencing report* u tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fid-dawl ta' dak li rrizulta dwar il-karattru ta' l-imputat u anke fid-dawl tal-fatt li l-vittma ma wrietx wisq interess li tressaq il-posizzjoni taghha quddiem l-Ufficjal tal-Probation minkejja li nghatat l-opportunità taghmel hekk, nonostante n-natura tar-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat u li gew minnu ammessi piena karcerarja ma hijiex il-piena idoneja fil-konfront ta' l-imputat, izda jkun iktar idoneju – u dana anke biex l-imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega – li huwa jitqieghed taht sanzjoni fil-komunità kif rakkomandat mill-Ufficjal tal-Probation, liema sanzjoni fil-fehma tal-Qorti u ghar-ragunijiet moghtija iktar 'l isfel ghandha tkun dik ta' Ordni ta' Probation. Mit-trattazzjoni orali dwar il-piena li saret mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza jirrizulta car li z-zewg nahat ukoll jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet maghmula

mill-Ufficjal tal-Probation fil-*pre-sentencing report* taghha u li jemmnu li Ordni ta’ Probation jkun sanzjoni idoneja fil-kaz in ezami.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ttenni li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta’ l-imputat in kwantu din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza u tat-tielet akkuza dedotti fil-konfront tieghu, u peress illi jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u in partikolari billi fil-fehma Taghha is-sorveljanza ta’ l-imputat minn Ufficjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li jigi prevenut l-ghemil ta’ reati ohra da parte ta’ l-imputat u li fic-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reati u l-karattur ta’ l-imputat, il-hrug ta’ Ordni a tenur ta’ l-imsemmi artikolu tal-Ligi huwa adatt, u peress illi l-imputat esprima r-ried li jikkonforma mal-htigijiet ta’ tali Ordni, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza u dana taht dawk il-kondizzjonijiet imposti b’Digriet ta’ Ordni ta’ Probation moghti llum stess, liema Digriet jinsab anness ma’ din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet ta’ illum anness ma’ din is-sentenza kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta’ Probation, u cioè li f’kaz ta’ htija jista’ jinghata sentenza ghar-reat originali.

A tenur ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna li kopja tad-Digriet ta’ Ordni ta’ Probation moghti llum stess u kopja ta’ din is-sentenza jinghataw lill-imputat u li l-istess Digriet u sentenza jigu wkoll notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation.

Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li ghandha fi kwalunkwe kaz tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Michelle Elsie Johnson billi taghmel Ordni ta’ Trazzin fil-

konfront ta’ l-imputat a tenur ta’ l-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dana li l-imputat qed jigi projbit milli javvicina jew b’xi mod isegwi l-movimenti ta’ Michelle Elsie Johnson ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza, u dana kif rifless fid-Digriet ta’ Ordni ta’ Trazzin moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza, li taghha jifforma parti integrali. Il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi jekk minghajr skuza ragonevoli jikser il-projbizzjoni imposta fuqu u cioè li a tenur ta’ l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jinstab hati jista’ tehel multa ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) jew prigunerija ta’ mhux izjed minn sitt xhur jew il-multa u prigunerija flimkien.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------